



Brussell, 20 ta' April 2026
(OR. en)

7812/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0411(NLE)

ECOFIN 390
UEM 118
FIN 487
EIB
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mis-Slovenja fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-28 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ottubru 2023³, tal-10 ta’ Diċembru 2024⁴, tal-20 ta’ Ġunju 2025⁵ u tat-12 ta’ Diċembru 2025⁶.
- (2) Fit-13 ta’ Marzu 2026, is-Slovenja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta sabiex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, is-Slovenja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mis-Slovenja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 21 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10612/21 INIT and ST 10612/21 ADD 1 fuq:
<http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13615/23 INIT, ST 13615/23 REV 1 (en) u ST 13615/23 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15989/24 INIT, ST 15989/24 ADD 1 u ST 15989/24 COR 1 (ga) fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 9591/25 INIT u ST 9591/25 ADD 1 hawnhekk:
<http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 15797/25 INIT, ST 15797/25 ADD 1 u ST 15797/25 COR 1 (lv) fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni minħabba ċirkostanzi mhux previsti lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna l-miżura C1-IFL (“Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (network ta’ vultaġġ baxx”). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Is-Slovenja spjegat li miżura minnhom ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba għadd insuffiċjenti ta’ parteċipanti fit-taħriġ. Dan jikkonċerna l-miżura C3-IE (“Reżiljenza soċjali u ekonomika għal diżastri relatati mal-klima fir-Repubblika tas-Slovenja). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba kwistjonijiet fir-rigward tal-akkwist tal-bini lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna l-miżura C3-IF (“Tnaqqis ulterjuri tar-riskji tal-għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima”). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Is-Slovenja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment minħabba dewmien fil-proċess tal-offerti lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna l-miżuri C3-IFL (“Tnaqqis ulterjuri tar-riskji ta’ għargħar u tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima”), C4-IE (“Promozzjoni ta’ infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fit-trasport”) u C4-ICL (“Żieda ulterjuri tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja”). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista’ tinkiseb parzjalment, minħabba żieda fil-kostijiet. Dan jikkonċerna l-miżura C12-IHL (“Akkar ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fis-Slovenja”). Abbażi ta’ dan, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista’ tinkiseb parzjalment minħabba dewmien fl-evalwazzjoni tal-proġetti pilota li ġew implimentati lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna l-miżura C12-IF (“Proġetti pilota għal riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti”). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Is-Slovenja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista’ tinkiseb parzjalment minħabba l-kanċellazzjoni ta’ sejħa għal proposti relatati, li twassal għat-tnaqqis fl-allokazzjoni u bidla fil-kostijiet unitarji. Dan jikkonċerna l-miżura C17-ID (“Effiċjenza enerġetika u dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija”). Abbażi ta’ dan, is-Slovenja talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (11) Is-Slovenja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżuri C10-RA (“Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol”) u C14-ID (“Aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa”). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Is-Slovenja spjegat li ġew emendati tmien miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u jissimplifikaw id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta’ daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C3-IG (“Ċentru għaż-żrieragħ, il-mixtliet u l-protezzjoni tal-foresti”), C3-IHL (“Proġetti ulterjuri għall-iskariku, it-trattament u l-użu mill-ġdid tal-ilma urban mormi”), C5-IB (“Proġett strateġiku integrat għad-dekarbonizzazzjoni tas-Slovenja permezz tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari”), C7-IJ (“Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u x-xjenza”), C12-RA (“Rinnovazzjoni tas-sistema edukattiva għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali”), C12-IH (“Ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fis-Slovenja”), C14-IB (“Tisħiħ tal-kompetenza tal-persunal tas-saħħa biex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura”) u C14-IE (Trattament effettiv ta’ mard komunikabbli u kroniku). Abbażi ta’ dak, is-Slovenja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (13) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, is-Slovenja talbet li tuża r-riżorsi li saru disponibbli bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C17-IC (“Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (Network ta' vultaġġ medju u network ta' vultaġġ baxx)”) u C17-IE (“Promozzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fit-trasport (fuq skala akbar)”). Abbażi ta' dak, is-Slovenja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C17-IC u tal-miżura C17-IE. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (14) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mis-Slovenja.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

“La tagħmilx ħsara sinifikanti”

- (16) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta’ riformi u proġetti ta’ investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (17) Il-pjan modifikat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza⁸. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tal-modifika tal-pjan ma jaffettwawx il-valutazzjoni li saret għall-RRP. Abbażi tal-informazzjoni li ngħatat, jista’ jiġi konkluż li l-ebda miżura fil-RRP emendat ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁸ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribuzzjoni għall-objettivi tar-REPowerEU

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi fil-biċċa l-kbira b'mod effettiv (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (19) Minkejja t-talba tas-Slovenja biex tnaqqas il-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda, il-kapitolu REPowerEU għadu koerenti mal-qafas ta' politika tas-Slovenja li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jżid is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, it-trasport b'emissjonijiet zero, u jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 44,69 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 91,69 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (21) Minkejja tnaqqis ta' 0,34 %, il-miżuri mnaqqsa fl-iskala ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP rigward it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità. Il-Kapitolu REPowerEU jissokta jagħti aktar appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-Slovenja, peress li r-riforma tal-promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja u l-investimenti kollha jikkontribwixxu b'mod integrali għall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dawk inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u t-tniġġis tal-arja, filwaqt li jżidu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija. Il-miżuri fl-RRP għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli, ikomplu jżidu l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovarja u jiżguraw it-tnaqqis tar-riskji ta' għargħar fis-Slovenja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030-2050 inkluż l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 24,46 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (23) L-emendi mitluba ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali. L-RRP emendat għandu jkompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u tan-negozji, inkluż billi jiżviluppa l-infrastruttura meħtieġa pereżempju jibni l-konnettività, jiżviluppa l-cloud u jtejjeb iċ-ċibersigurtà, billi juża soluzzjonijiet u servizzi diġitali avvanzati u faċli għall-utent, u billi jittrasforma l-proċessi tan-negozju u jagħlaq id-distakk diġitali għall-kumpaniji aktar tradizzjonali.

Il-kalkolu tal-kostijiet

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (25) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-investimenti riveduti turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Il-bidliet fil-pjan ma kinux estensivi biżżejjed biex jaffettwaw il-klassifikazzjoni eżistenti (B) tal-pjan. Is-Slovenja pproponiet li tagħmel bidliet fl-allokkazzjoni bejn is-self u l-għotjiet, u b'hekk tnaqqas l-ammont globali ta' self. Ġew allokatu riżorsi addizzjonali għal miżuri bi prestazzjoni tajba filwaqt li l-allokkazzjonijiet tnaqqsu fil-każijiet fejn il-miżuri ffaċċjaw riskji. Is-Slovenja pprovdiet spjegazzjonijiet suffiċjenti, li jinkludu prinċipalment ir-riżultati tal-offerti u tas-sejħiet għal propositi mnedija għall-finijiet tal-RRP. Il-bidliet fil-kostijiet stmati għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' daww il-kostijiet stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Is-Slovenja tat biżżejjed informazzjoni u evidenza li juri li l-ammont tal-istimi tal-kost totali ma huwa kopert minn ebda finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni ieħor. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (26) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mitluba mis-Slovenja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għas-Slovenja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (g), (h), (j) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (27) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, is-Slovenja qieset bħala prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, is-Slovenja qieset li l-ebda proġett li ngħata Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat peress li l-proġetti ma jkoprox l-oqsma li b'din ir-reviżjoni ġew affettwati fuq skala akbar fl-RRP emendat.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP"), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Valutazzjoni pożittiva

- (28) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u għandu jiġi stabbilit l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (29) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tas-Slovenja huma ta' EUR 2 082 352 849. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għas-Slovenja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tas-Slovenja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 612 948 340. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għas-Slovenja tibqa' l-istess.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Għoti ta' self

- (30) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għas-Slovenja appoġġ totali ta' self ta' EUR 525 585 704 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021. Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C1-IFL (“Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (Network ta' vultaġġ baxx)”) u l-miżura C4-ICL (“Żieda ulterjuri tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja”) skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, is-Slovenja ma talbitx li tuża r-riżorsi tas-self li saru disponibbli biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fl-RRP emendat. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għas-Slovenja u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għas-Slovenja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għas-Slovenja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 468 836 849.
- (31) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan. Saiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

- (32) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 ta' dak it-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għas-Slovenja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli self lis-Slovenja li jammonta għal massimu ta' EUR 468 836 849.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President
